# Kelma minn Qalbi

## ma’ ħbiebi Kattoliċi



Joseph Mizzi

**Kelma minn qalbi ma' ħbiebi Kattoliċi**
Copyright, Joseph Mizzi, 2025.
www.tecmalta.org

Kwotazzjonijiet minn:
- Il-Patt il-Ġdid (Pubblikazzjoni QUM).
- Is-Salmi (Pubblikazzjoni QUM).
- Il-Bibbja Mqaddsa (Pubblikazzjoni Trinitarian Bible Society).

Stedina

1. Kif nista' nsib it-triq li twassal għall-ħajja?
2. Il-knisja għandha bżonn saċerdozju?
3. Is-sagrifiċċju ta' Kristu hu suffiċjenti?
4. Min hu l-medjatur bejn Alla u l-umanità?
5. Kif nista' nikseb il-maħfra ta' dnubieti?
6. Fuq liema pedament hi mibnija l-knisja?
7. Kif jista' Alla jeħlisni mill-ħtija u l-kastig?
8. X'inhu r-rwol tal-opri tajba fis-salvazzjoni?
9. Jien imwieled mill-ġdid?
10. X'se nagħmel bi Kristu?

# Stedina

Għażiż ħabib,

Grazzi talli sibt il-ħin biex tiftaħ dan il-ktejjeb. Irridek tkun taf mill-bidu nett li ktibtu bi mħabba u rispett ġenwin lejn ħbiebi u qrabati Kattoliċi. L-intenzjoni tiegħi mhix li nargumenta fuq ir-reliġjon jew nikkritika t-twemmin tagħkom, imma biss li naqsam xi ħaġa tassew għal qalbi: il-messaġġ tal-evanġelju.

Għalkemm jien Evanġeliku u inti Kattoliku, it-tnejn li aħna nħaddnu l-veritajiet ewlenin li nistqarru fil-Kredu. Nifraħ b'dak kollu li hu tajjeb u sabiħ fil-fidi Kattolika tiegħek. Fl-istess ħin, nafu wkoll li hemm differenzi sinifikanti f'dak li nemmnu. Madankollu dan m'għandux iżommna lura mir-rispett lejn xulxin jew minn konversazzjoni onesta u intelliġenti dwar il-fidi. Wara kollox, x'hemm aktar importanti mill-Kelma t'Alla u mir-relazzjoni tagħna miegħu?

Ngħid għalija, l-evanġelju – l-aħbar tajba dwar Ġesù Kristu – hi ċ-ċentru ta' ħajti. Permezz ta' dan il-messaġġ, doqt it-tjubija t'Alla, irċevejt il-maħfra tiegħu, u għandi tama kunfidenti tal-ħajja ta' dejjem. Alla huwa tant ħanin u twajjeb miegħi – nixtieq ferm li naqsam dan il-ferħ miegħek ukoll.

Il-ktejjeb jikkonsisti f'numru ta' mistoqsijiet kruċjali dwar il-fidi, u t-tweġibiet konċiżi mill-perspettiva Evanġelika. Nistiednek taqrah b'qalb miftuħa, u nħeġġek tiżen kollox b'reqqa bil-Bibbja, il-Kelma ta' Alla. Nitlob lill-Mulej li din il-kitba tħeġġek biex taħseb aktar fil-fond dwar il-fidi, u finalment tesperjenza barkiet kotrana mill-Mulej.

Ikun pjaċir għalija li nkomplu din il-konversazzjoni.

Mill-ġdid, nirringrazzjak.

B'rispett,

Joseph

# Kif nista' nsib it-triq li twassal għall-ħajja?

Ġesù jsemmi żewġ toroq: waħda wiesgħa li twassal għat-telfien, u l-oħra, id-dejqa, tieħu għall-ħajja. Kif nistgħu nsibu triq l-ġenna u nevitaw l-ħażina?

Neħtieġu gwida aħjar mir-reliġjonijiet u l-fisosofiji umani, għax l-Iskrittura twissina li "d-dinja ma saritx taf 'l Alla permezz ta' għerfha" (1 Kor.1:21).

Il-verità nsibuha fil-Bibbja. Il-kotba tal-Iskrittura nkitbu minn nies qaddisa gwidati mill-Ispirtu s-Santu. Għalhekk il-Bibbja hi l-Kelma t'Alla, u ladarba Alla la jista' jigdeb u lanqas jiżbalja, nistgħu noqogħdu fuq it-tagħlim tagħha. L-Iskritturi sagri "kapaċi jagħmluk għaref għas-salvazzjoni permezz tal-fidi li hi fi Kristu Ġesù" (2 Tim.3:15).

- **X'ngħidu għat-tradizzjoni?** Hemm post għat-tradizzjoni sakemm tintuża tajjeb. Ġesù wissiena dwar l-użu ħażin tagħha (Mk.7:1-13). Il-Lhud kien messhom żammew sod mat-tagħlim tal-Iskrittura. Ġara li mal-Iskrittura ħalltu tagħlim ġej mit-tradizzjoni – it-tagħlim reliġjuż tal-antenati tagħhom – u għarrqu kollox. Ġesù akkużahom li ġabu fix-xejn Kelmet Alla biż-żieda tat-tradizzjoni. Jeħtieġ noqogħdu b'seba' għajnejn biex ma nirrepetux l-istess żball.
- **X'ngħidu għall-għalliema reliġjużi – għandna nisimgħuhom?** Iva, bla dubju, speċjalment lil dawk li jgħallmu l-Kelma t'Alla b'fedeltà. Min-naħa tagħna, irridu naċċertaw ruħna li tagħlimhom jaqbel mal-Bibbja. Hekk għamlu d-dixxipli bikrija – huma "laqgħu l-kelma b'kull ħeġġa u eżaminaw l-Iskritturi kuljum biex jaraw jekk dawn il-ħwejjeġ kinux hekk" (At.17:11). Mudell eċċellenti għalina – ejja nagħmlu bħalhom, u b'hekk it-twemmin tagħna nibnuh fuq il-blata soda tal-Kelma t'Alla.
- **Kif għandna nqisu l-opinjoni personali?** Il-Bibbja twissina biex ma nserrħux fuq il-ħsibijiet u s-sentimenti tagħna. "Ittama fil-Mulej b'qalbek kollha; u fuq fehmtek la tafdax" (Pro.3:5). Minflok l-ideat personali, hu wisq aktar għaqli nfittxu l-għerf t'Alla f'Kelmtu.

Il-Bibbja hi gwida ċerta lejn il-ġenna. Meta nitgħallem, nemmen u nobdi l-messaġġ tagħha nkun nista' nistqarr: "Kelmtek hi lampa għal saqajja u dawl għall-mogħdija tiegħi" (Sal.119:105). Ejja, mela, nafdaw il-Kelma t'Alla u nimxu fil-triq li jurina hu.

# Il-knisja għandha bżonn saċerdozju?

L-idea ta' saċerdozju hija ċentrali fl-Iskrittura. L-Epistola lill-Ebrej titkellem fit-tul dwar dan. Id-dmir tal-qassis hu li joffri sagrifiċċju għad-dnubiet u li jirrappreżenta lill-poplu quddiem Alla (Ebr.5:1). Neħtieġu qassis għax aħna midinbin u ma nistgħux nersqu weħidna fil-preżenza glorjuża t'Alla qaddis.

Fit-Testment il-Qadim, Alla ħatar qassisin biex iservu fit-tabernaklu u aktar tard fit-tempju. Dawn il-qassisin kienu joffru tipi differenti ta' sagrifiċċji – uħud bi tpattija għad-dnub (u kienu jinvolvu t-tixrid tad-demm), u oħrajn offerti ta' ringrazzjament u qima.

Fit-Testment il-Ġdid, kollox jinbidel. Illum "għandna qassis il-kbir hekk għoli, li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla" (Ebr.4:14). Ma offriex annimali bħala sagrifiċċji – Ġesù offra lilu nnifsu. "Hu manifestat darba fil-konsumazzjoni taż-żminijiet għat-twarrib tad-dnub permezz tas-sagrifiċċju tiegħu nnifsu" (Ebr.9:26). Wara li ta ħajtu fuq is-salib – u b'hekk neħħa d-dnubiet ta' niesu kollha – Ġesù qam minn bejn l-imwiet, u issa jinsab fuq il-lemin tal-Missier biex jinterċedi għalina li nemmnu fih.

- Minħabba f'hekk, is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim issa huwa skadut. Il-qassisin ta' qabel kienu jixjieħu u jmutu, u għalhekk kien ikollhom jgħaddu s-saċerdozju lil ta' warajhom. Imma Ġesù "minħabba li jibqa' għal dejjem, għandu saċerdozju permanenti" (Ebr.7:24) – u għalhekk ma jgħaddix s-saċerdozju tiegħu lil ħaddieħor.
- Għaldaqstant m'hemmx bżonn ta' qassisin fil-knisja bħalma kellhom il-Lhud fl-antik. Tassew, il-Mulej jaħtar ministri għall-knisja li jissejħu presbiteri (anzjani), pastors (rgħajja), u isqfijiet (overseers) (At.20:28; 1 Pt.5:1–2). Madankollu r-rwol tagħhom mhux li joffru sagrifiċċji bi tpattija għad-dnub, imma li jgħallmu, jiggwidaw, u jieħdu ħsieb il-poplu t'Alla.
- Mhux biss, dawk kollha li jemmnu f'Ġesù jissejħu "saċerdozju rjali" (1 Pt. 2:9). Permezz ta' Kristu, l-Insara kollha għandhom dħul liberu quddiem Alla l-Imbierek – mhux biex joffru sagrifiċċji għad-dnub (dak għamlu darba Ġesù), imma biex joffru t-tifħir u r-ringrazzjament tagħhom (Ebr.13:15).

Fi ftit kliem, Ġesù "kapaċi jsalva kompletament lil dawk li jersqu lejn Alla permezz tiegħu, għax hu dejjem jgħix ħalli jinterċiedi għalihom" (Ebr.7:25). Ġesù huwa s-saċerdot perfett li għandna bżonn. Ejja mela nersqu *permezz tiegħu* lejn Alla għas-salvazzjoni tagħna, b'fiduċja, tifħir u ringrazzjament!

# Is-sagrifiċċju ta' Kristu hu sufficjenti?

Aħna l-bnedmin obbligati nobdu 'l Alla, il-Ħallieq tagħna. Madankollu, sa mill-bidu nett, irribellajna kontrih, dnibna, krisna l-liġi tiegħu, u allura sirna ħatja quddiemu, u ninsabu fil-periklu tal-kastig tal-infern.

Madankollu, fil-ħniena kbira tiegħu, Alla pprovdielna mezz ta' ħelsien. Fit-Testment il-Qadim Alla ħatar il-qassisin Leviti biex joffru sagrifiċċji ta' annimali fuq l-artal. Dan kien ifisser li:

- Il-midneb ħaqqu l-kastig tal-mewt għal dnubietu.
- Il-midneb jista' jeħles mill-kastig jekk xi ħadd ieħor jieħu l-piena minfloku.

Dawk is-sagrifiċċji kienu stampa ta' dak li kellu jagħmel Ġesù fit-Testment il-Ġdid – il-ħaruf t'Alla ġie biex ineħħi d-dnub tad-dinja.

Kristu – ġust, perfett, mingħajr dnub – tgħabba bid-dnubiet tal-poplu tiegħu, sofra u miet fuq is-salib biex iħallas il-kastig skont il-Liġi t'Alla. "Kristu wkoll bata għad-dnubiet darba għal dejjem, il-ġust għall-inġusti, sabiex iressaqkom lejn Alla" (1 Pt.3:18). Kristu kien "offrut darba ħalli jerfa' d-dnubiet tal-ħafna" (Ebr.9:28).

L-Iskrittura tenfasizza li Kristu offra sagrifiċċju wieħed, mhux ħafna. Ġesù "m'għandux bżonn ta' kuljum, bħas-saċerdoti ewlenin, joffri sagrifiċċji, l-ewwel għal dnubietu stess, imbagħad għad-dnubiet tan-nies, għax dan għamlu *darba għal dejjem* meta offra lilu nnifsu" (Ebr.7:27). Is-sagrifiċċju ta' Kristu hu avveniment storiku, li seħħ darba biss, elfejn sena ilu. Il-benefiċċji tiegħu ma jintemmu qatt.

Ġesù jrid lid-dixxipli tiegħu jibqgħu jiftakru fih fl-Ewkaristija, billi jaqsmu bejniethom il-ħobż u l-inbid, u jħabbru l-mewt tiegħu sakemm jerġa' jiġi. Matul l-istorja tal-knisja, l-ewkaristija nbidlet minn "tifkira" għal "sagrifiċċju." Skont it-tagħlim tal-Knisja Kattolika, is-sagrifiċċju tal-quddiesa "jkompli" s-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib.

Ejja naħsbu ftit flimkien. Għad fadal il-ħtieġa ta' sagrifiċċju ta' kuljum? X'tgħid l-Iskrittura? Lil niesu Alla jassigurahom, "Id-dnubiet tagħhom u l-illegalitajiet tagħhom żgurament mhux se niftakarhom iżjed." Għaldaqstant il-Bibbja tikkonkludi: "Issa fejn hemm il-maħfra ta' dawn, m'hemmx iżjed offerta għad-dnubiet" (Ebr.10:17-18).

Ħabib, nixtieqek taħsibha sew: fil-quddiesa, tista' titlob mal-qassis, "Ilqa' Mulej dan is-sagrifiċċju li qed noffrulek" – meta taf li fi żmien preżenti "m'hemmx iżjed offerta għad-dnub"? Mhux biżżejjed is-sagrifiċċju li Kristu offra darba għal dejjem fuq is-salib biex jeħilsek minn ħtijietek u jħabbek m'Alla?

# Min hu l-medjatur bejn Alla u l-umanità?

Id-dnub jifridna minn Alla. Għalhekk neħtieġu medjatur – wieħed li jneħħilna kull ħtija u jirrikonċiljana m'Alla. Għandna bżonn lil xi ħadd li jaqbad idejna u idejn Alla, u jpoġġihom flimkien. Nizzuħajr 'l Alla li hu stess ipprovdielna medjatur bħal dan, kif jgħallimna fl-Iskrittura Mqaddsa:

"Għax hemm Alla wieħed u medjatur wieħed ukoll bejn Alla u l-bnedmin, il-bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala riskatt għal kulħadd" (1 Tim.2:5-6).

Daqskemm nemmnu f'Alla wieħed, daqshekk ieħor nemmnu li hemm medjatur wieħed. Mhux tnejn, tlieta jew aktar – "medjatur wieħed" tiddikjara l-Iskrittura. Pont wieħed hemm li jgħaqqad l-art mas-sema, u jħabbeb il-midneb mal-Ħallieq. Dan il-medjatur uniku huwa l-Bniedem Kristu Ġesù.

Ġesù biss jikkwalifika għal dan il-ministeru, għal diversi raġunijiet:

- **Ġesù huwa bniedem bħalna:** Għalhekk jista' jkun ir-rappreżentat tagħna l-bnedmin quddiem Alla. Din hi r-raġuni għala *Verbum Dei caro factum est.* L-Iben etern t'Alla, li minn natura tiegħu huwa tassew Alla, sar wieħed bħalna, minbarra d-dnub, biex isir ir-rappreżentant tagħna fis-sema.
- **Ġesù huwa l-Kristu:** Hu l-Messija mwiegħed fit-Testment il-Qadim, magħżul u mibgħut minn Alla biex ikun il-Feddej tad-dinja. Ta' dan hemm xhieda l-Ispirtu s-Santu li niżel fuqu fil-magħmudija, u li permezz tiegħu Ġesù wettaq mirakli meraviljużi b'xhieda li hu l-Kristu, Bin Alla l-ħaj.
- **Ġesù huwa l-Feddej:** Ħallas b'demmu l-prezz tal-fidwa għall-ħelsien tal-poplu tiegħu mill-iskjavitù tad-dnub. Din hi raġuni oħra għall-inkarnazzjoni. Kellu bżonn isir bniedem tad-demm u l-laħam, sabiex wara li għex ħajja perfetta, offra lilu nnifsu b'sagrfiċċju fuq l-għuda tas-salib bi tpattija għad-dnubiet. Ġesù "ta lilu nnifsu bħala riskatt għal kulħadd."

Il-mifdija kollha – inkluż Marija u l-qaddisin fil-glorja – qegħdin il-ġenna jgawdu u jfaħħru 'l Alla bis-saħħa tal-medjatur uniku, Ġesù Kristu. Minflok inqisu lilhom bħala medjaturi għalina, ejjew nimxu skont l-eżempju tagħhom, u nafdaw f'Ġesù biex jirrikonċiljana m'Alla. Hu biss il-medjatur! Il-wegħda tiegħu tgħodd għalina wkoll, "Jien hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol minni se jkun salvat" (Ġw.10:9).

# Kif nista' nikseb il-maħfra ta' dnubieti?

Id-dnub huwa l-ksur tal-Liġi t'Alla; għalhekk Alla biss jista' jaħfrilna. Meta David dineb serjament, reġa' sab il-paċi meta dar lejn Alla. "Jien għidt, 'Nistqarr ħtijieti lill-Mulej'; u int ħfirtli l-ħażen ta' dnubi" (Sal.32:5). Sa mill-bidu l-Insara wkoll kienu jistqarru u jitolbu maħfra lil Alla. Il-Mulej Ġesù għallimna nitolbuh, "Missierna li inti fis-smewwiet…aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina."

Sfortunatament, maż-żmien bdew deħlin dwawwiet ġodda. Bil-mod il-mod daħlet il-prattika li llum tissejjaħ is-sagrament tal-qrar. Skont dan it-tagħlim, il-qassis Kattoliku għandu l-qawwa tal-assoluzzjoni, jiġifieri li bħala mħallef jaħfer f'isem Alla. Minn meta konna żgħar għallmuna li Ġesù waqqaf is-sagrament tal-qrar meta qal lill-appostli, "Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw.20:23).

- Jidher ċar li Ġesù ta lill-appostli s-setgħa li jaħfru d-dnubiet. Imma kif – bil-konfessjonarju jew b'xi mod ieħor? L-Atti tal-Appostli u l-bqija tat-Testment il-Ġdid ma jħalluna f'ebda dubju.
- Fuq banda, ma naqrawx li l-appostli kienu jqaraw, jagħtu l-assoluzzjoni, jew it-tewba. Fuq il-banda l-oħra, naqraw kif k-appostli ħabbru l-evanġelju u ħeġġew lin-nies jindmu u jemmnu fi Kristu biex jiksbu l-maħfra. L-appostlu Pietru xandar li "kull min jemmen fih jirċievi l-maħfra tad-dnubiet permezz ta' ismu." L-appostlu Pawlu jesprimi l-istess konvinzjoni, "Permezz tiegħu l-maħfra tad-dnubiet hi mnidija lilkom (Att.10:43; 13:38).
- Kieku l-appostli kienu magħna llum kienu jwasslulna l-maħfra t'Alla bl-istess mod: kienu ixandrulna lil Kristu, u jappellawlna nemmnu fih. Infatti hekk għadhom jagħmlu sal-lum bit-tagħlim tagħhom mgħoddi lilna fl-Iskrittura.

Fl-aħħarnett, hemm fattur ieħor li rridu nqisu. It-teoloġija Kattolika tinsisti li anke meta jkun maħfur, il-bniedem ikun jonqsu jwettaq penitenzi biex jagħmel tajjeb għal ħtijietu. Għalhekk tingħata t-tewba fil-qrar. Saħansitra 'l hinn mill-mewt, bħala Kattoliku inti tistenna li tgħaddi mill-purgatorju biex titnaddaf minn dnubietek qabel tidħol il-ġenna.

Madankollu, il-Bibbja tassigura lill-Insara li "dnubietkom inħafrulkom minħabba ismu," u "d-demm ta' Ġesù Ibnu jippurifikana minn kull dnub" (1 Ġw.2:12; 1:7). Il-penitenza ta' dnubiethom ġarrabha Kristu meta ċarċar demmu fuq l-għuda tas-salib.

Nagħmlu sewwa jekk nistaqsu lilna nfusna, "Jien kif qed infittex il-maħfra t'Alla? Qed infittixha għand bniedem bħali, u qed nipprova npatti għal dnubieti bil-ħila tiegħi? Jew qed nistqarr dnubieti 'l Alla, u nafda fi Kristu biss għax konvint li demmu jippurifikani minn kull dnub?"

# Fuq liema pedament hi mibnija l-knisja?

Meta Ġesù staqsa lid-dixxipli x'jaħsbu fuq l-identità tiegħu, Pietru wieġbu: "Inti l-Kristu, Bin Alla l-ħaj." Għal din l-istqarrija kruċjali, Ġesù bierek lil Pietru, u qallu: "Imbierek int, Xmun Barġona, għax mhux il-laħam u d-demm irrivelalek dan, iżda Missieri li hu fis-smewwiet. U jien ukoll ngħidlek illi int Pietru, u fuq dil-blata se nibni l-knisja tiegħi, u x-xtabi tal-infern mhux se jipprevalu kontriha" (Mt.16:16-18).

X'inhi l-blata li fuqha mibnija l-knisja? F'ċertu sens il-knisja hi mibnija fuq Pietru, l-appostli sħabu, u l-profeti (ara Ef. 2:20), għax il-knisja hi msejsa fuq it-tagħlim tagħhom dwar Ġesù. Għalhekk fl-Kredu nistqarru li l-knisja hi appostolika.

Madankollu l-idea li Pietru kien il-kap suprem tal-knisja universali hi barranija għat-Testment il-Ġdid. Tassew, Pietru kien prominenti fost l-appostli, imma ma kienx meqjus bħala l-mexxej assolut tal-knisja kollha (ara pereżempju Gal.2:9). Kien aktar tard matul l-istorja tal-knisja, fis-sekli ta' wara, li l-isqfijiet ta' Ruma gradatament firxu s-setgħa tagħhom sakemm kien stabbilit il-papat kif nafuh illum.

Għaldaqstant, jekk irridu nkunu fidili lejn il-Kelma t'Alla jeħtieġ insostnu li l-knisja hi msejsa fuq it-tagħlim ta' Pietru u l-appostli l-oħra, u b'mod partikolari l-istqarrija dwar Ġesù. Fuqu, il-Messija divin, il-Kristjani kollha f'kull żmien jibnu ħajjithom. Huwa sinifikanti li mqar l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jammetti li din hi tifsira korretta. "Hu fuq il-blata ta' din il-fidi, li stqarr San Pietru, li Kristu bena l-Knisja tiegħu" (para. 424).

M'għandu jkollna l-ebda dubju dwar mistoqsijiet ewlenin dwar il-knisja għax il-Bibbja ma tħalliniex bejn ħalltejn:

- Min hu r-ras tal-knisja? "Kristu hu ras il-knisja" (Ef.5:23).
- X'inhu l-pedament tal-knisja? "Ħadd ma jista' jqiegħed sisien oħra, barra minn dawk li huma mqiegħda, li huma Ġesu Kristu" (1 Kor.3:11).

X'relevanza għandu dan it-tagħlim għalina? Jeħtieġ nistaqsu b'sinċerità, "Jien membru fil-knisja ta' Kristu? Qiegħed inserraħ fuqu bil-fidi? Nemmen li huwa l-Kristu, il-mibgħut minn Alla? Nemmen li hu l-Iben etern t'Alla, li għalina u għas-salvazzjoni tagħna sar bniedem, u offra lilu nnifsu b'sagrifiċċju bi tpattija għal dnubietna? Qiegħed nafda fih biex isalvani? Ilqajtu bħala s-Sid ta' ħajti?"

Jalla nwieġbu b'konvinzzjoni, "Iva, jien nemmen u nafda f'Ġesù!" B'hekk biss inkun membru fil-knisja mibnija fuq il-pedament sod daqs il-blat. U bħalma bierek lil Pietru, hekk ukoll Ġesù jbierek lili meta minn qalbi nistqarru, "Inti l-Kristu, Bin Alla l-ħaj."

# Kif jista' Alla jeħlisni mill-ħtija u l-kastig?

Hemm xi ħwejjeġ li Alla ma jistax jagħmel. Alla ma jistax jigdeb (Ebr.6:18), ma jistax jiċħad lilu nnifsu (2 Tim.2:13), u ma jistax iwettaq inġustizzja (2 Kron.19:7). Żgur li Alla se jkun perfettament ġust fil-kundanna tal-ħżiena; żgur ukoll li se jkun ġust fis-salvazzjoni tal-poplu tiegħu. Alla ma jistax sempliċement jagħlaq għajn waħda, u taparsi jinsa dnubietna biex ikun tajjeb magħna.

Immaġina din ix-xena fil-qorti. Jitressaq wieħed mixli b'diversi reati. L-imħallef jisma' x-xhieda u jeżamina sewwa l-provi kontrih. Jidher ċar li l-imputat huwa ħati ta' ksur tal-liġi. Madankollu fis-sentenza tiegħu l-imħallef jiddikjara: "Inti ħati. Ħaqqek kastig. Imma jien irrid inkun tajjeb miegħek. Ma jimportanix x'tgħid il-liġi, jien se nilliberak. Tista' tmur."

X'naqbdu ngħidu fuq dak l-imħallef? Forsi li hu inkompetenti, korrott, inġust...imma żgur li ma nistgħux ngħidu li hu mħallef tajjeb! Mhux iwettaq xogħlu kif imiss!

Issa ejja nimmaġinaw li dan l-imħallef jikkundanna l-ħati u jordnalu jħallas multa kbira kif titlob il-liġi. Il-ħati jwieġeb li m'għandux mnejn iħallas. F'dan il-mument, l-imħallef jgħidlu, "Il-ġustizzja trid issir. Il-penali trid titħallas. Imma jien irrid inkun ħanin miegħek. Staqsejt lil ibni, u mill-ewwel aċċetta li jħallaslek il-multa kollha. Għalhekk tista' tmur...inti ħieles." B'dan il-mod l-imħallef ikun juri lilu nnifsu kemm hu ġust kif ukoll tajjeb.

- Dan, u ferm aktar minn hekk, jagħmel Alla mal-bniedem niedem. Jiġġustifikah b'xejn bil-grazzja tiegħu, avolja ma ħaqqux. Alla jeħilsu fuq il-bażi tal-fidwa ta' Ibnu Ġesù (Rum.3:24). Fi kliem ieħor, Kristu ħallas b'demmu għall-ħelsien tiegħu billi ħa l-kastig li kien jistħoqqlu.
- Għalhekk l-Iskrittura tiddikjara bil-ferħ li Alla huwa *ġust* u li *jiġġustifika* lil dawk li jemmnu f'Ġesù (Rum.3:26). Alla jiġġustifika – hu jeħles lin-nies ħżiena li jemmnu f'Ibnu mill-ħtija u l-kastig tal-infern. Alla huwa wkoll ġust meta juri ħniena bħal din, għax bagħat lil Ibnu biex iwettaq dak li tiddomanda l-liġi f'isimhom.

Hemm xi ħwejjeġ li aħna wkoll ma nistgħux nagħmlu! Ma nistgħux naħarbu mill-ġustizzja t'Alla. Il-liġi tiddomanda ħlas għal dnubietna, u dan se jseħħ fiż-żgur – fl-infern jew fuq is-salib. Imma hemm ħaġa li nistgħu nagħmlu. Bl-għajnuna t'Alla nistgħu nammettu ħtijietna u nappellaw għall-ħniena u l-ġustizzja t'Alla fi Kristu. Nistgħu inħarsu lejn is-salib, l-esibizzjoni tal-imħabba u l-ġustizzja t'Alla, u nafdaw ruħna f'idejn Kristu.

# X'inhu r-rwol tal-opri tajba fis-salvazzjoni?

Ħadd qatt ma jista' jiftaħar li kiseb is-salvazzjoni bl-opri u l-ħila tiegħu. L-Iskrittura tgħidilna ċar: "Għax bil-grazzja intom salvati, permezz tal-fidi; u dan mhux minnkom infuskom, hu l-għotja t'Alla; mhux bl-opri, sabiex ħadd ma jiftaħar" (Ef.2:8–9).

Xi ngħidu mela, li l-Insara m'għandhomx bżonn jagħmlu t-tajjeb ladarba mhumiex salvi bl-opri tagħhom? Jew forsi li jistgħu jibqgħu jiffangaw fid-dnub? Allaħares! Ideat bħal dawn huma ċ-ċaħda tal-evanġelju, għax l-istess Skrittura tkompli tgħidilna, "Għax aħna għemilu, maħluqin fi Kristu Ġesù għall-opri t-tajba, li Alla pprepara minn qabel, sabiex nimxu fihom" (Ef.2:10).

Ħafna drabi l-iżball jidħol għax issir enfasi fuq verità partikolari filwaqt li tkun injorata jew miċħuda verità oħra. Din l-Iskrittura tħarisna min ideat estremi dwar il-ħidma t'Alla u l-ħidma tagħna fis-salvazzjoni.

- **Mhux mill-Opri** – Ninnotaw li s-salvazzjoni mhix bis-saħħa tagħna – "mhux bl-opri". Alla mhu midjun ma' ħadd. Ma jsalvaniex bi ħlas għall-għemejjel u l-isforzi tagħna, imma bi grazzja, b'favur li ma jistħoqqilniex. Dan hu wisq diffiċli biex nilqgħuh. Nippretendu li m'aħniex daqshekk ħżiena u nimmaġinaw li bi ftit għajnuna mingħand Alla kapaċi nimmeritaw il-ġenna. Imma l-Iskrittura tifqalna l-bużżieqa tal-kburija tagħna. Mhux bis-saħħa tagħkom, jgħidilna, mhux bl-opri tagħna, biex ħadd ma jiftaħar!
- **Għemil Alla** – Jekk nixtiequ niftaħru ħalli niftaħru bil-Mulej għax is-salvazzjoni hi l-opra tiegħu. In-nies salvati jistqarru bil-ferħ li "aħna għemilu". Is-salvazzjoni tal-midneb hi opra wisq akbar mill-ħolqien tal-univers, u din il-ħidma wettaqha Alla, mhux aħna, permezz ta' Ibnu. Ġesù ħalla l-glorja tas-sema, sar bniedem, u offra ġismu u demmu fuq is-salib għall-fidwa tal-poplu tiegħu. Mela s-salvazzjoni mhix il-ħidma tagħna l-bnedmin iżda l-ħidma ta' xi ħadd ieħor. Fir-realtà hi l-ħidma t'Alla. Lilu glorja u tifħir!
- **Għall-Opri Tajba** – B'daqshekk ma jfissirx li wlied Alla jgħixu b'idejhom marbutin fuq żaqqhom! Alla lliberahom mill-jasar tad-dnub biex jaqduh minn qalbhom fil-ġustizzja u l-imħabba matul ħajjithom. Innota kif l-ewwel il-Bibbja tgħid li s-salvazzjoni "mhux bl-opri", u immedjatament wara tkompli, "biex nagħmlu l-opri tajba." Hemm hu l-bilanċ bibliku! L-opri tagħna mhumiex il-kawża, imma l-frott tas-salvazzjoni.

Jeħtieġ mela nitlaq l-opri min idejja sabiex bil-fidi naqbad ma' Kristu għall-maħfra u l-ħelsien, u minn hemm 'il quddiem, b'idejn liberi u ndaf, naħdem it-tajjeb f'ubbidjenza lejn Alla, u bi gratitudni għall-imħabba tal-għaġeb tiegħu li wera miegħi f'Ibnu Ġesù.

# Jien mwieled mill-ġdid?

Ġesù qal lil wieħed għalliem u mexxej Lhudi jismu Nikodemu, "Tassew, tassew ngħidlek, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara saltnet Alla" (Ġw.3:3). Skont Ġesù, xejn ma jiswa jekk tkun reliġjuż, tmur il-knisja, titlob, u tgħix ħajja morali – xorta ma tidħolx il-ġenna jekk ma twelidtx mill-ġdid!

**Għaliex neħtieġ it-twelid ġdid?** Hemm bżonn bidla daqshekk radikali għax l-Iskrittura tgħid li aħna lkoll *mejtin* fil-ħtijiet u d-dnubiet tagħna (ara Ef. 2:1). Bħalma l-mewt fiżika tifridna minn xulxin, hekk ukoll il-mewt spiritwali tifridna minn Alla. Mhux biżżejjed taqleb il-folja jew tagħmel riżoluzzjoni li tgħix aħjar. Ir-riti reliġjużi, bħaċ-ċirkonċiżjoni u l-magħmudija, lanqas jgħinu. Għalkemm ċirkonċiż, Nikodemu kellu bżonn jitwieled mill-ġdid. Ladarba aħna spiritwalment mejta, aktar minn kollox, neħtieġu l-ħajja li titnissel fit-twelid mill-ġdid.

**Kif nista' nitwieled mill-ġdid?** Skont il-Bibbja, ma tista' tagħmel xejn – it-twelid mill-ġdid mhux xogħlok. Tarbija ma tagħżilx hi li tibda l-ħajja jew li titwieled. Hekk ukoll, min hu spiritwalment mejjet ma jqumx għall-ħajja bil-ħila jew bir-rieda tiegħu. Ulied Alla twieldu "mhux mid-demm, u lanqas mir-rieda tal-ġisem, u lanqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla" (Ġw.1:13). Jiena u int niddependu għalkollox fuq l-ħniena u l-qawwa tal-Ispirtu t'Alla biex jagħtina l-ħajja ġdida.

**Kif inkun naf jekk twelidx mill-ġdid?** Affermajna li t-twelid mill-ġdid ma jitwettaqx *mill*-bniedem. Madankollu l-effett ta' din il-bidla radikali tidher *fil*-bniedem. L-appostlu Ġwanni jagħtina dawn it-testijiet:

- "Kull min jemmen illi Ġesù hu l-Kristu hu mwieled minn Alla" (1 Ġw.5:1). Qabel ftit kien jimportah minnu; issa jafda biss fih għax konvint li hu l-Iben t'Alla, il-magħżul tal-Missier, biex jeħilsu minn dnubietu.
- "Kull min hu mwieled minn Alla ma jipprattikax id-dnub… kull min jipprattika l-ġustizzja hu mwieled minnu" (1 Ġw.3:9; 2:29). Il-wild t'Alla jsir jixbah lil Missieru. Jobgħod dak li jobgħod Alla, jissielet kontra d-dnub u t-tentazzjoni, u mill-qalb jobdi l-kmandamenti tiegħu.
- "Kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jaf 'l Alla" (1 Ġw.4:7). Ladarba jagħraf 'l Alla, li hu mħabba, issa jaf iħenn, jgħin, jaħfer mill-qalb, juri sabar u ġenerosità ma' kulħadd.

Ħabib, din hi opportunità għalina biex niflu lilna nfusna fid-dawl tal-Kelma t'Alla: Jien nemmen, nobdi u nħobb? Jekk b'kuxjenza tajba nwieġeb iva, allura nkun nista' ngħid, "Tassew, Alla wellidni mill-ġdid, u jien għandi sehem mis-Saltna tiegħu."

# X’se nagħmel bi Kristu?

Għażiż ħabib,

Hekk kif jgħaddu s-snin minn fuqi bħal żiffa riħ, aktar insir konxju kemm hi qasira l-ħajja. Il-Bibbja tgħid li “l-bnedmin huma appuntati li jmutu darba, u wara dan jiffaċċjaw il-ġudizzju” (Ebr. 9:27). B'tant ħsibijiet u distrazzjonijiet, kemm hu faċli naljenaw ruħna u ngħixu bħallikieku m’hemm xejn ħlief dawn l-erbat ijiem fuq l-art. Imma fil-fond ta’ qalbna, nafu mod ieħor. Alla poġġa fina l-ħsieb tal-eternità – ma jkunx għaqli nittraskuraw ruħna, ir-relazzjoni m’Alla, u d-destin etern tagħna.

Nammettu li m'għandniex il-ħila nsalvaw lilna nfusna. Imma nirringrazzjaw ’l Alla, hu ma ħalliniex bla tama. L-evanġelju huwa aħbar tajba li għandna bżonnu aktar min-nifs! Ġesù Kristu, Bin Alla, sar bniedem, għex fostna bla dnub, miet fuq salib għal dnubietna, qam minn bejn l-imwiet, u issa qiegħed fil-glorja jinterċedi għall-poplu tiegħu.

Jiena u inti nemmnu dawn il-veritajiet prezzjużi li nistqarru fil-Kredu. Imma taqbel miegħi li mhux biżżejjed tkun tafhom intellettwalment.

Ħafna snin ilu, meta kont għadni żagħżugħ, ħassejt l-għasfa ta’ ħtijieti u l-biża’ tat-telfien. Għall-grazzja t’Alla, dort lejh bi ndiema, u tlabtu jkollu ħniena minni. It-tgħanniqa ta’ mħabbtu kienet u għadha l-hena u l-paċi ta’ ruħi. Minn dak iż-żmien ’l hawn, nixtieq biss insegwi lil Sidi Ġesù, nonorah f’kollox, u nittama fis-sħiħ li nkun miegħu u ngawdih għal dejjem skont il-wegħda tiegħu.

Ħabib, inħeġġek tikkonsidra sew il-qagħda tiegħek quddiem Alla. Jekk qed tħoss it-toqol ta’ dnubietek, isma’ s-sejħa t’Alla fl-evanġelju. Indem u agħti dahrek għad-dnub – ir-regħba, kburija, żena, tgergir, diżonestà – u ssottometti ruħek għall-Mulej Alla. “Is-Sid hu qrib lejn in-nies b’qalbhom maqsuma u jsalva lil dawk li huma misħuqa fl-ispirtu” (Sal. 34:18). Fuq kollox, emmen fi Kristu. Afda fih għall-maħfra. Afda fih ħalli jagħtik il-qawwa sabiex tibda tgħix ħajja ġdida għall-glorja t’Alla.

Nimmaġina li għandek elf mistoqsija f’moħħok. Imma fl-aħħar mill-aħħar, l-aktar mistoqsija importanti hija din: **X’se nagħmel bi Kristu?**

Il-Mulej Ġesù Kristu jistħoqqlu l-fiduċja u l-ubbidjenza kollha tiegħek. Mur għandu. Fi kliemek stess, itolbu jkun is-Sid u s-Salvatur tiegħek. Il-wegħda tiegħu tgħodd għalik illum: “Ejjew għandi, intom ilkoll li titħabtu u tinsabu mgħobbijin, u jien se nserraħkom” (Mt.11:28); “Min jemmen fija, bħalma qalet l-Iskrittura, mill-fond ta’ ġewwa fih se jgelglu xmajjar ta’ ilma ħaj (Ġw.7:38).

## Kelma minn Qalbi ma' Ħbiebi Kattoliċi

*Stedina biex nesploraw il-qalba tal-Evanġelju*

F'dan il-ktejjeb, miktub b'rispett ġenwin, l-awtur Evanġeliku Joseph Mizzi jidħol fi djalogu sinċier ma' ħbiebu Kattoliċi. Jippreżenta riflessjonijiet serji fuq mistoqsijiet ewlenin dwar il-fidi, il-maħfra, is-salvazzjoni, u r-relazzjoni tagħna m'Alla.

Kemm jekk inti konvint fil-fidi tiegħek jew sempliċiment kurjuż biex tifhem aħjar perspettiva oħra, dan il-ktejjeb jistiednek tirrifletti u tidħol f'konversazzjoni onesta dwar l-aktar mistoqsijiet importanti tal-ħajja.